**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 50 – 8 ta' Awissu 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 50. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda membru tal-pubbliku prezenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 48 u Agenda 49 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni ghal punt 4.2. tal-minuti ta' Agenda 48 u talab li l-frazi 'kellu fiducja ghamja f' dak li kien qieghed isir' tinbidel ghal 'kellu fiducja f' dak li kien qieghed isir'.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Agenda 48 jigu approvati hekk kif emendati, u l-minuti ta' Agenda 49 jigu approvati

minghajr ebda korrezzjoni. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (126)

**2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI**

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.1. tal-minuti ta' Agenda 48 u talab li jkun jaf hux lest ir-rapport dwar l-infieq tal-attivitajiet kulturali kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan ir-rapport kien ghadu mhux lest.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.5. tal-minuti ta' Agenda 48 u talab li jkun jaf xi progress sar fuq il-korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsillier Emanuel Agius spjega li l-problema sena wara l-ohra hija li l-kumpaniji li jipprovdu dawn il-korsijiet iridu jaghmlu business minn fuq dar il-Kunsill u l-prodott offrut lill-pubbliku ma jkunx wiehed xieraq. Il-Kunsillier Agius qal li huwa kien tal-idea li jigi publikat avviz fuq il-gazzetta ghal ghalliema li huma nteressati jghallmu dan is-suggett u l-Kunsill jipprovdi kompjuters u sit fejn jistghu jsiru dawn il-korsijiet. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsillier Agius jipprezenta stima ta' din il-proposta.

2.3.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.8. tal-minuti ta' Agenda 48 u qal li fil-*media* l-Ministru Austin Gatt qal li rigward ir-rotot il-godda tal-Arriva l-Kunsilli kienu ntalbu r-rakkomandazzjonijiet taghhom izda ftit Kunsilli kienu ppartecipaw. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk dan kienx veru u jekk iva x' kien is-sehem tal-Kunsill.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab lis-Segretarju jispjega. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill kien mistieden ghal-laqgha ta' konsultazzjoni, izda s-s-Sindku precedenti ghalkemm kien irregistra ghal din il-laqgha ma kienx attenda. Is-Segretarju spjega li l-Kunsill kien inghata CD bir-rotot l-godda izda dan kien baqa' ghand is-Sindku Brian Bonnici. Is-Segretarju wiegeb li l-unika laqgha li saret ma' Transport Malta kienet fi zmien is-Sindku Alfred Grixti u li ghaliha attenda wkoll il-Kunsillier Dominic Cutajar, fejn giet spjegata r-rotta l-gdida.

2.3.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li matul din il-laqgha huwa kien issuggerixxa li l-bus stop jitressaq hdejn il-mithna jew hdejn is-St. Dorothy's filwaqt li spjega li l-Kunsill qatt ma gie konsultat dwar fejn isiru l-*istages*.

2.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk hux veru li l-Kunsill kien b' haddiem wiehed biss. Is-Sindku wiegeb li kien ha jispjega x' gara aktar tard.

2.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghall-minuti u talab li jkun jaf x' tip ta' vetturi l-Kunsill kien qieghed ifittex. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill ghandu bzonn karozza ghall-Project Manager sabiex dan idur il-postijiet fejn tkun ghaddejha l-hidma tal-Kunsill u sabiex jiltaqa' mar-residenti, filwaqt li l-vettura l-ohra trid tkun wahda li tiflah aktar strapazz halli tintuza mill-haddiema tal-Kunsill.

2.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera li mal-Kunsill kien hemm assenjati zewg haddiema tal-IPSL, izda minhabba passi dixxiplinari wiehed minn dawn il-haddiema nghata transfer fuq talba tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-haddiem Bernard Buhagiar kien responsabli ta' agir gravi fil-konfront tas-Segretarju meta dan irrekordja lis-Segretarju minghajr il-permess tieghu u mbaghad prova juza l-kliem tas-Segretarju barra mill-kuntest taghhom u mar jghid lill-staff klerikali li kien hemm l-pjan li dawn jitkeccew wara l-elezzjoni ta' Marzu meta minn dan ma kien veru xejn.

2.6.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kienx se jitlob biex Victor Cilia jerga jigi assenjat mal-Kunsill fid-dawl ta' dawn l-izviluppi. Is-Sindku wiegeb li ghad ma kien hemm l-ebda decizjoni dwar dan is-suggett.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li rigward Vjal il-Helsien saret l-ewwel laqgha mal-kuntrattur li nghata t-tender. Is-Sindku spega li l-Managing Director tal-kumpanija kien imsiefer allura attendew ghal-laqgha l-Managing Architect u *s-sub contractor* Penza Ltd. Is-Sindku kompla ghid li matul din il-laqgha gie specifikat b' mod car li ghalkemm il-Kunsill ma kellu l-ebda problema bis-*sub contractor,* il-Kunsill kien jgharaf biss lill-kuntratturi Ritemix (Gatt Bros) Ltd bhala l-kuntratturi li hadu t-tender. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-kuntrattur ghamilha cara li dan it-tender ghalihom kien ifisser hafna u ma jridux jaqghu ghac-cajt ghax ghandhom l-intenzjoni li jistabilixxu ruhhom fil-qasam ta' road construction. Is-Sindku spega li saru l-applikazzoniijiet ghal permessi u kienu ha jsiru laqghat ohra bejn il-periti.

2.8. Is-Sindku Alfred Grixt qal li kienet ghaddejha hidma sabiex it-tender tal-gnien tal-Grazzja jinhareg fil-gimghat li gejjin. Is-Sindku pprezenta lill-Kunsillieri disinji tal-gnien.

2.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-hidma dwar il-monument tal-vittmi tan-nar kienet ghaddejha gmielha u rringrazzja lill-Kunsillier George Cortis li kien dahal ghal din il-hidma b' ruhu u gimsu.

2.10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Gvern beda perijodu ta' konsultazzjoni fuq il-white paper dwar ir-riforma tas-swieq fil-berah. Is-Sindku pprezenta kopja tal-white paper lill-Kunsilliera. Is-Sindku spjega li huwa attenda laqgha apposta dwar din ir-riforma ndirizzata mis-Segretarji Parlamentari Dr. Jason Azzopardi u Dr. Chris Said. Is-Sindku qal li gibed l-attenzjoni fuq zball fil-granet tal-monti gewwa Haz-Zebbug fid-dokument tal-white papers, gibed l-attenzjoni dwar il-bzonn li jiddhalu regoli aktar stretti fuq l-eta tal-irtirar tal-bejjiegha tal-monti fejn ghamel referenza ghal-kaz ta' Annunziata Attard, kif ukoll problemi relatati mal-qisien tal-vetturi u l-uzu ta' support vehicles. Is-Sindku Alfred Grixti spjega wkoll li l-mizura li ha tiddahhal dwar is-sostituti tista tohloq numru ta' abbuzi.

2.10.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-perijodu ta' konsultazzjoni jaghlaq fit-30 ta' Settembru u fil-laqgha tas-Sindki ta' Ottubru kienu se jigu mressqa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsilli. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suggeriment sabiex issir laqgha apposta dwar is-suggett.

2.10.3. Is-Sindku Alfred Grixti kkonkluda l-intervent tieghu billi qal li ghal riforma simili jrid ikun hemm rieda politika taz-zewg partiti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Governanza dwar il-kaz tal-bejjiegh tal-monti s-sur Domnic Bonnici. Is-Sindku Alfred Grixti qara r-rakkomandazzjonijet tal-bord lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li r-rakomandazzjonijiet tal-bord ma kienux cari u xtaq parir legali dwarhom.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li mal-vot tal-flus jizdied il-hlas dovut lill-Scouts tat-tqassim tal-magazines tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

4.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab kjarifika dwar il-pagament lis-Segretaru Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Is-Segretarju spjega li dan il-pagament kien ghal korsijiet ghall-adulti li saru mill-Kunsill taht skema tad-Dipartiment.

4.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab aktar informazzjoni dwar il-pagamenti ta Bugibba Hotel, il-kiri ta' vettura u l-pagament ta' Med Design u l-fuel. Is-Segretarju wiegeb li l-pagament ta' Bugibba Hotel kien relatat mal-akkomodazzjoni ta' delegate ghall-konferenza tal-EFUS. Il-kiri tal-vettura kien ghall-uzu tal-Project Manager sakemm jinhareg it-tender ghax-xiri tal-vettura. Il-pagament ta' Med Design kien jirriferi ghal xi applikazzjonijiet li saru l-MEPA filwaqt li l-fuel kien jirriferi ghal fuel uzat ghall-generators tan-NightFest u fuel uzat ghall-vettura wzata mill-Project Manager.

4.5.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li fl-opinjoni tieghu l-Kunsill kien qieghed jonfoq wisq fuq il-kuntratt tal-Events Management u Marketing. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li kellu dubji dwar is-sieghat li kienu qed jitnizzlu u staqsa jekk il-Kunsill kienx kuntent li qed jonfoq dawk il-flejes.

4.5.2. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-Kunsillier Agius ma kienx qed japprezza l-ammont ta' xoghol li kien hemm involut sabiex isiru l-attivitajiet kollha li qieghed jorganizza l-Kunsill, kif ukoll ma jafx l-ammont ta' sighat li jqatta' hu flimkien mas-Segretarju, l-Project Manager, u l-Events Co-ordinator sabiex jippjanaw u jikkordinaw il-hidma tal-Kunsill.

4.5.3. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkummenta li ghal bidu anke huwa kellu xi dubji dwar l-ammonti ta' sighat u kien giebed l-attenzjoni tas-Sindku dwar dan, izda meta ivverifika l-invoices mal-kuntrattur dan kien prezenta il-breakdown tas-sieghat u dan kien issodisfa d-dubji li kellu.

4.5.4. Il-Kunsillier George Cortis qal li minn dak li seta jinnota hu, l-events co-ordinator kien dedikat hafna f' dak li jaghmel u jidhol b' ruhu u gismu ghall-hidma tieghu. Il-Kunsillier Cortis qal li huwa ma kienx jifhem kif jithallsu dawn il-kuntratturi u qal li fil-festa ghogbu hafna kif hadem.

4.6. Il-Kunsillier Philip Said dahal tard ghal-laqgha.

4.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li huwa kien se jivvota favur fuq kollox izda fuq il-pagament ta' M&E Management kien se jivvota kontra. Is-Sindku gie ssekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu. (127)

## 5. GIEH HAZ-ZEBBUG

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din is-sena xtaq li apparti l-premju ta' Gieh Haz-Zebbug, il-Kunsill jaghti cittadinanza onorarja lil 5 persuni sabiex jirrikonoxxi l-hidma taghhom b' risq il-lokal. Dawn il-persuni huma;

Is-Sindku ta' Agira, L-Ing. Gaetano Giunta
Is-Sindku ta' Enna, Paolo Garofalo
L-Ex Arcipriet ta' Agira, Don Silvio Rotondo
Valerio Pelleriti, l-President tal-Assocjazzjoni San Filippo
Ninetto Caramanna li kien wiehed mill-persuni strumentali sabiex jinbeda l-gemellagg.

5.2. Rigward il-premju Gieh Haz-Zebbug is-Sindku Alfred Grixti propona lil;

Joan Mangion
Mary Rose Mallia
Pawlu Azzopardi
Joe Mifsud
Jimmy Bugeja
Ing. Gaetano Giunta
Valerio Pelleriti

5.3. Il-Kunsillier George Cortis flimkien mal-Kunsillier Philip Said innomina lil Michael Bonnici u lin-Nutar Philip Saliba.

5.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li filwaqt li jiddikjara l-kunflitt ta' interess tieghu, huwa kien qieghed iressaq ghal konsiderazzjoni l-isem tat-tifel tieghu Marcel Ciantar ghal hidma innovattiva li kien qieghed jaghmel barra minn Malta, u li qeghdha tigi rikonoxxuta fil-gurnali barranin. Il-Kunsillier Ciantar prezenta artikli ta' gazzetta xhieda ta' dan.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti talab li mal-lista jizdiedu wkoll zewg atleti Zebbugin li ppartecipaw fl-Special Olympics u li ghamlu unur ghal Malta b' rebh ta' diversi medalji.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova l-lista ta' persuni li se jigu premjati b' cittadinanza onorajra, u l-lista ta' persuni kollha nominati ghal-premju Gieh Haz-Zebbug. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said, u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (128) Mehmuz mal-minuti hemm rapport dwar il-persuni li se jinghataw gieh Haz-Zebbug.

8.6. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jigi skuzat. Huwa telaq fid-8.55pm.

## 6. TALBA GHAL SKIP FI TRIQ GIOVANNI PULLICINO

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat minn xi residenti li joqoghdu fi Triq Giovanni Pullicino. Dawn ir-residenti qalulu li minhabba li t-triq imharbta t-truck tal-scammel ma jidholx fiha u jkollhom johorgu l-iskart fil-kantuniera bir-rizultat li l-kantuniera ssir mizbla. Is-Sindku spejga li hija xewqa ta' dawn ir-residenti li ssir skip b' cavetta ghalihom.

6.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li b' dan il-mod il-problema hemm ha tibqa', anzi tizdied.

6.3. Is-Segretaru Ezekuttiv issuggerixxa li jsir kuntatt mal-kuntrattur u dan jintalab li jidhol fi Triq Giovanni Pullicino u jigbor l-iskart minn wara l-bibien tar-residenti u mhux fil-kantuniera. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7. UPGRADING TRIQ ANDREA BOGDAN

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li gie avvicinat minn xi residenti dwar problema ta' rimi abbusiv ta' skart f' din it-triq. Is-Sindku spjega li huwa kien qieghed jissuggerixxi li fil-post fejn isehh l-abbuz issir bankina u xi zewg bankijiet sabiex jinqata l-abbuz. Il-Kunsillier George Cortis qal li din kienet idea tajba. Kien hemm qbil li jsir dan l-upgrading.

## 8. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

8.1. Il-Kunsillier Philip Said gibed l-attenzjoni li fil-minuti ta' Agenda 48, ismu ma jidhirx qalb il-kunsilliera li vvutaw.

8.2. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun f' liema stadju waslet l-iskema tal-Awtorita tad-Djar dwar il-komuni. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kien ghadda l-estimi tax-xoghol lill-Awtorita tad-Djar.

8.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar nforma lill-Kunsill li kien hemm talba mir-residenti barranin li qeghdin jitghallmu l-Malti f' kors organizzat mill-mara tieghu sabiex il-Kunsill jipprovdi l-librerija halli l-korsijiet jibdew isiru hemm. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li ma setax jilqa' din it-talba minhabba li l-librerija ha tkun mikrija lill-Posta sakemm ikun ghaddej ix-xoghol ta' refurbishment fil-bini tal-posta ta' Haz-Zebbug. Is-Sindku nforma lill-

Kunsilliera li talli l-Kunsill joffri l-librerija, l-Maltapost kienet se tikkumpensa lill-Kunsill imma ghad irid isir ftehim dwar dan il-kumpens.

8.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel gie kkuntatjat minn resident li nsista bilfors li jaghmel l-ilment tieghu lilu biss. Il-Kunsillier Ciantar spjega li dan ir-resident irid bozza gdida u ha jiehu l-inkarigu li jara ezatt fejn irid il-bozza u jaghmillu applikazzjoni.

8.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li fil-25 ta' Awissu kien se jorganizza harga ghall-anzjani li tikkonsista fi cruise tal-Captain Morgan. Il-Kunsillier Ciantar qal li l-Kunsilliera kollha jistghu jattendu jekk iridu.

8.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni li f' uhud mill-bus shelters li saru mill-Kunsill kellhom is-sadid.

8.8. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni ghal barrier fi Triq Agira li qiet milquta minn karozza u talab li titranga.

8.9. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li gie avvicinat minn xi residenti dwar periklu f' Misrah San Filep ghal dawk il-karozzi li jkunu gejjin minn hdejn il-BOV.

8.10. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li dahlietlu talba minghand xi residenti fi Triq il-Mithna minhabba storbju li jsir mit-tfal li jilghabu l-football fil-bandli li saru hemm hekk. Is-Sindku Alfred Grixti rrakkonta ncident fejn tkissret hgiega ta' anzjana f' nofs ta' lejl minn genitur ta' tfal li bi zball kienu tefghu l-ballun fil-gallarija taghha. Is-Sindku spjega li filwaqt li jifhem li t-tfal ghandhom jithallew jilghabu, dawn iridu jaghmlu dan fir-rispett tar-residenti l-ohrajn. Ghalhekk huwa kien qieghed jissuggerixxi li ssir tabella li tindika li mhux permess loghob tal-ballun bejn nofsinhar u l-erbgha u wara nzul ix-xemx u jrid ikun hemm sorveljanza ta' persuna adulta. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9. AGGORNAMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aggorna l-laqgha ghal nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru fis-6.30pm. Il-laqgha spiccat fid-9.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |